MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 390/2011

R B

-vs-

M B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Ottubru ta’ l-elf disa mija u tmienja u sebghin (1978) (Ara Dok A Anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marilena Cristina mit-tmintax (18) ta’ Gunju ta’ l-elfejn u disgha (2009) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sentejn mifrudin legalment u stante li ilhom hdax (11) -il sena mifrudin de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 2a) ir-rikorrent irrinunzja ghad-dritt tieghu ta' manteniment;

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 2b) ir-rikorrent huwa obbligat li jhallas lill-intimata s-somma ta' seba mitt euro (€700) fix-xahar bhala manteniment u huwa qatt ma kien inadempjenti u dejjem hallas il-manteniment dovut;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur l-ulied stante li dawn huma llum maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-kondizzjonijiet mehtiega bl-artikolu 66B mhumiex soddisfatti u dan peress:
a. Il partijiet milhomx mifrudin *de facto* ghall-4 snin;
b. Ir-rikorrent mhuwiex qed jottempera ruhu korrettement mad-disposizzjonijiet tal-manteniment stabbilit bil-kuntratt ta' separazzjoni ghaliha stante li ma

hallasx iz-zieda stipulate fil kuntratt b'effett minn April 2011 u inoltre qed ikun tardiv fil-hlas tal manteniment u ma effettwax l-istanding order pattwit.
c. Illi l-esponenti tibza li f'kaz ta' divorzju id-drittijiet taghha ghall manteniment ikunu pregiudikati u issir iktar difficli ghaliha li tithallas gjaladarba gja mhuwiex qed josserva id-disposizzjonijiet tal-kuntratt .Zewgha qaghad ghandu problemi finanzjarji u l-esponenti tinsisti lit kun kawtelata b'garanziji idoneji.

Illi hi tipprecisa u tikkonferma li m'ghandha ebda relazzjoni u tichad li l-partijiet ilhom mifrudin *de facto* ghall hdax il sena.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2011;

Rat ir-risposta;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti issodisfa il-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Gunju 2009, izda ilhom de facto separati mill-24 ta' April, 2008 kif xehdu l-istess partijiet u kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-20 ta' Frar 2012;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi huwa hallas il-manteniment dovut lill-intimata skond il-kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------